# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun

**Laqgħa Nru. 22/*2016***

Data: Il-Hamis, 9 ta' Gunju 2016

Ħin: 7.00p.m.

Post: Sala tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: Is-Sur Christian Sammut - Sindku
Is-Sur Vincent Bonello – Viċi Sindku
Is-Sur Antonello Cuschieri –Kunsillier
Is-Sinjura Louise Portelli – Kunsillier 19:42
Is-Sur Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Is-Sur Efrem Buttigieg - Kunsillier

***Karen Camilleri** – Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Is-Sinjura Carmen Borg talbet li tkun skuzata, minhabba twelid fil-familja

Assenti: HADD

---

**AĠENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Festa San Gejtanu 2016
3. Festival tac-Cikkulata 2016
4. Armar tal-Milied
5. Korrispondenza
6. Skeda ta' Pagamenti
7. Aġġornament

**Minuti – 22/*2016***

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 18 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

## 2 Punti Mqajjma mill-Minuti

2.1 Is-Sindku fisser li s-Serata Letterarja kienet success u kienet idea tajba li gew mistiedna t-tfal li temmew b'success il-kors tad-drama. **Serata Letterarja**

2.2 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg spjega li t-tnediha tas-CD kienet success. Fil-fatt bhalissa qed jinhadem il-video ghad-diska l-gdida mit-tifla tal-Greenfields Maira Tanti, li wara se tittella' fuq Youtube ghal aktar pubblicita'. **Tnediha ta' CD**

2.3 Is-Sindku nfurma lill-membri li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali approva li l-Kunsill jidhol fil-ftehim mal-iskola dwar il-facilitajiet sportivi. Is-Segretarju Ezekuttiv qrat il-korrispondenza mibghuta mid-Dipartiment. **Approvazzjoni – Ftehim Facilitajiet Sportivi**

2.4 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk kienx hemm zvilupp dwar it-talbiet ghal bus shelters u t-tnehhija ta'Bus Stop fi Triq il-Kbira San Guzepp, in-naha tal-Blata l-Bajda. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li hi flimkien mas-Sindku ltaqghu mal-ufficjali ta' Transport Malta fejn infurmaw li bhalissa l-Awtorita' qed tahdem fuq tender gdid ghal Bus Shelter. Barra minhekk dwar it-talba ghal bus shelter fi Triq il-Kappillan Mifsud, l-ufficjali ta' TM fissru li hemm problema ta'logistika ghaliex m'hemmx post fejn dan jista' jsir. Rigward it-tnehhija tal-Bus Stop fi Triq il-Kbira San Guzepp, infurmat ukoll li l-Ufficcjali ta' TM infurmaw li dan ma jistax jitnehha ghaliex dan il-bus stop jintuza minn madwar 5 rotot u f'kaz li jitnehha wiehed mill-bus stops u jinzertaw zewg trakkijiet tal-linja gejjin, jispiccaw jaghlqu t-triq. **Bus Shelters u Bus Stops**

## 3 Festa San Gejtanu 2016

Is-Sindku fetah id-diskussjoni dwar l-armar tal-gabbani matul il-festa San Gejtanu. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li minhabba nuqqas ta' spazju, l-gabbani li kienu jarmaw fi Pjazza San Pawl se jibdew jintramaw fi Triq l-iSkola, li hija l-eqreb zona ghac-centru tal-festa, filwaqt li l-gabbani li jarmaw fi Triq id-Duka ta Edinburgh, Triq Tommaso Caruana Demajo u Triq Censu Borg se jkunu qed jarmaw fi Triq il-Kbira San Guzepp, 'l fuq mill-Bank of Valletta, wara l-posti tal-gugarelli. Is-Sindku nfurma li l- **Caqliq ta' Gabbani – Festa San Gejtanu**

Kunsill ltaqa' mal-bejjiegha fejn waqt il-laqgha nqalghet ftit ta' kommozzjoni, izda wara spjegazzjoni li nghataw, minkejja l-fatt li kien hemm min ma qabilx u qabad u telaq 'l barra, l-Kunsill baqa' konsistenti fuq id-decizjoni tieghu. Minhabba l-fatt li kien hemm xi bejjiegha li telqu 'l barra mil-laqgha, ma setghetx tittella' l-polza.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuggerixxa li l-Kunsill jiehu parir legali dwar din il-kwistjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat kopja tal-A.L. 119 tal-2002 u kopja ta' Kapitlu 441.07 Attivitajiet li jehtiegu Permess mill-Kunsill u nfurmat lill-membri li kollox inhadem skont dawn iz-zewg avvizi legali ghaldaqstant ma kienx hemm il-htiega li jittiehed parir legali. Barra minhekk, il-Kunsill diga ppubblika l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Gimgha, 3 ta' Gunju 2016.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill qabel li jibqa' konsistenti mad-decizjoni tieghu.

**Korrispondenza – Francis Piscopo – Posta 23, Triq Dun Nerik Cordina Perez**

Is-Segretarju Ezekuttiv talbet li tigi diskussa korrispondenza li giet mibghuta mis-Sur Francis Piscopo, bejjiegh bil-posta tal-gugarelli Nru 23 li tintrama fi Triq Dun Nerik Cordina Perez. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li s-Sur Piscopo qed jitlob li din it-triq ftit li xejn tara nies fil-gimgha tal-festa u qed jitlob li jibda jarma fi Triq il-Kbira San Guzepp, quddiem The Sevens. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li ghal din is-sena ma jistax jaccetta aktar caqliq.

## 4 Festival tac-Cikkulata 2016

Is-Sindku staqsa lill-membri sabiex jibdew jippreparaw xi ideat ghal dan il-festival. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ippropona li jarmaw stands ta'cikkulata u ikel tradizzjonali minn pajjizi barranin.

Il-Vici Sindku Vincent Bonello infurma li s-sena li ghaddiet kien hemm hafna nkwiet bejn il-bejjiegha. Barra minhekk galadarba jibqa nvolut is-Sur Mario Camilleri, bhala ko-ordinatur tal-Festival, hu ma jippartecipax. Il-Vici Sindku Vincent Bonello enfasizza li hu jaqbel mija fil-mija fis-sehem tal-Artist Internazzjonali Andrew Farrugia u dan ghandu jinghata spazju denju fil-festival.

Is-Sindku enfasizza li huwa mportanti li l-membri kollha jaghtu sehemhom f'dan il-festival, ghaliex din hija t-tieni l-ikbar festa fil-Hamrun.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti staqsa jekk il-Comune di Modica hux se jkun involut. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill ghadu qed jistenna risposta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar it-talba li pprezenta ghall-Gemellagg mal-Comune di Modica.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li huwa mportanti li l-Kuntatt mat-Tour Operators jibda minn kmieni.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ppropona li ssir stedina lill-pajjizi barranin u jigu mistiedna studenti barranin sabiex jippromwovu l-ikel tradizzjonali tal-pajjiz.

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg qal li l-Ko-ordinatur tal-attivita' donnu m'ghandu relazzjoni tajba ma' dawk li jarmaw l-istands. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg fakkar li s-sena li ghaddiet, il-Kunsill kien iddiskuta l-involviment tas-Sur Mario Camilleri fl-organizzar tal-festival.

Il-Vici Sindku Vincent Bonello qal li fuq dan kollu, l-Kunsill ghandu johrog Expression of Interest ghall-Organiser biex il-Kunsill ikun fair ma' kulhadd. Barra minhekk il-Kunsill jiehu idea ta' x'joffri s-suq ukoll. Is-Sindku nfurma lill-membri li s-sena li ghaddiet is-Sur Camilleri ghamel dak kollu mitlub mill-Kunsill ma ftit kienu l-problemi li nqalghu. Il-Vici Sindku baqa' jinsisti li l-atitudni li ha matul is-snin is-Sur Mario Camilleri, fejn wera nuqqas ta' rispett kemm lejh bhala Sindku kif ukoll lejn membri ohra tal-Kunsill, mhiex denja minn persuna li qed tithallas biex toffri servizz serju. Barra minhekk sentejn ilu l-Kunsill spicca mzebblagh minn kulhadd, fejn parti mill-festival kien armar qisu Monti Indjan. Barra minhekk fil-festival ta' sentejn ilu, s-Sur Camilleri kien ordnat jitkellem mal-Kumpanija Maypole Ltd sabiex tippartecipa fil-festival u wara li kien ghadda l-festival u ghax inzerta ltaqa' mas-Sur Mario Debono, tal-Maypole, l-Vici Sindku kien infurmat mis-Sur Debono li l-Kumpanija tieghu qatt ma giet avvicinata mis-Sur Camilleri biex jarma fil-festival, ghas-semplici raguni li dawn kellhom argument jahraq xi xhur qabel il-Festival tac-Cikkulata.

Tqajjmet diskussjoni tahraq dwar is-servizz tas-Sur Camilleri f'dan il-festival.

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg iccara l-punt li hu kellu mpressjoni li l-ko-ordinatur ma jmurx tajjeb ma dawk li jarmaw izda bl-ebda mod ma kien hemm problemi ta' logistika.

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg ippropona li l-palk tal-Entertainment, din is-sena, jkun aktar centrali, dan ghaliex is-sena li ghaddiet kien hemm hafna talent, izda l-palk intrama f'area maqtugha u dan l-entertainment intilef. Barra minhekk inhass in-nuqqas ta' stalls li s-soltu jkun jintramaw.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Vici Sindku ippropona li l-Kunsill japprova li tinhareg Expression of Interest ghall-Ko-Ordinatur tal-Festival tac-Cikkulata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kunsill mhux awtorizzat johrog Expression of Interest, izda talba ghall-Kwotazzjoni ghal dan is-servizz.

Il-Kunsill approva li tinhareg Sejha ghall-Kwotazzjoni – Servizz ta' Event Co-Ordinator Festival tac-Cikkulata 2016.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa min kien li ddecieda d-data tal-Festival. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li din id-data tinzamm bejn wiehed u iehor dejjem ghat-tielet gimgha ta' Ottubru, liema data tigi proposta lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali meta titressaq l-applikazzjoni ghall-Finanzjament taht l-Iskema Attivitajiet Kulturali. Dan isir mil-lokalitajiet kollha li jorganizzaw attivitajiet Nazzjonali, sabiex ma jkunx hemm kunflitt bejn l-attivitajiet. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li din mhux haga sew u d-data ghandha tigi diskussa u approvata mill-Kunsilliera kollha. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se tiehu nota ghal din it-talba u ghas-sena li gejja tistenna l-approvazzjoni tal-Kunsill qabel tipprezenta d-data ta' dan il-Festival, lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

## 5 Milied 2016

**Proposta Ghaqda Armar Liberty – Tizjin ta' Toroq fi zmien il-Milied**

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Ghaqda Armar Liberty offriet li tibda tarma u zzarma id-dwal tal-Milied fil-lokalita'. L-istess Ghaqda infurmat li qed isir disinn ta' pavaljuni tad-dawl, liema pavaljuni jithallsu mill-ghaqdiet u mill-hwienet tal-area li fiha jintramaw il-pavaljuni.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuggerixxa li tintrama area f'Tal-Kuncizzjoni u tigi nvoluta l-Ghaqda Armar Immakulata Kuncizzjoni.

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg staqsa jekk l-Ghaqda Armar Liberty hiex lesta tarma n-naha tal-Kuncizzjoni. Is-Sindku fisser li jaf ikun diffikultajiet minhabba l-konfini tal-Parrocci.

Il-Vici Sindku, Vincent Bonello fahhar din l-inizzjattiva mill-Ghaqda Armar Liberty, izda l-Kunsill ghandu jara li jkun hemm varjazzjoni fil-pavaljuni u mhux jintrama l-istess disinn sena wara ohra.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk hux possibli li jigu nvoluti wkoll l-Ghaqdiet tal-Baned fl-armar tad-dwal fit-toroq. Is-Sindku fisser li f'dan ix-xoghol ikun involut is-sehem ta' Electrician Kwalifikat li jkun responsabbli mix-xoghol, minhabba li hemm id-dawl involut.

Il-Vici Sindku qal li din hija inizzjattiva tajba hafna, izda ghandu d-dubji tieghu kemm hi sostenibbli, minhabba l-fatt li tal-hwienet qajla jippartecipaw u dejjem bil-problemi biex johorgu sehemhom ghat-tizjin tad-dawl.

## 6 Korrispondenza

**Financial Statements MCP Ltd**

Gew ipprezentati l-Financial Statements tal-Kumpanija MCP ghas-Sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2015. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa dwar il-leasing of CCTV, fejn gibed l-attenzjoni, li jekk mhux zbaljat, fil-Financial Statements tas-sena 2014 kien hemm spiza ta' €8,000 fuq xiri ta' CCTV Cameras.

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet lill-membri jekk il-Kunsill hux interessat jixtri spazju ghal reklam fil-Ktieb tal-Festa offrut mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp. Il-Kunsill approva li jixtri spazju B&W ta' €60

**Ghaqda Muzikali San Guzepp – Reklam fil-Ktieb tal-Festa**

L-Ghaqda Armar Liberty talbet li jizdiedu t-tappieri tal-festa, fejn il-Kunsill jipprovdi t-tappieri u l-Ghaqda taghmel ix-xoghol mehtieg. Il-Kunsill approva din in-nefqa, sabiex ikun hemm konformita fit-tappieri tat-toroq.

**Talba ghal Tappieri mill-Ghaqda Armar Liberty**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li skont il-Policy ta' Transport Malta, Store mhux awtorizzat ikollu Un/Loading, izda l-Kunsill qabel li jipprezenta din it-talba ghall-attenzjoni ta' Transport Malta.

**Talba ghal-Loading/Unloading**

Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li jghaddiha ghall-attenzjoni tal-Insurance tal-Kunsill.

**Talba ghall-Kumpens**

Il-Kunsill gie pprezentat b'zewg talbiet ghal Residents Parking Permit. Il-membri kkonfermaw li d-dokumenti huma kollha konformi u ghaldaqstant approvaw dawn iz-zewg talbiet.

**Talba ghal Residents' Parking Permit**

Is-Sindku nfurma lill-membri li s-Sinjorina Scerri tahdem fi Skola fil-lokalita'fejn hemm studenti bi problemi socjali li minhabba nuqqas ta' finanzji l-familji taghhom ma jistghu jibghatuhom ghal-lezzjonijiet tal-kant. Fid-dawl ta' dan kollu s-Sinjorina Scerri qed toffri s-servizzi taghha bhala Vocal Coach. Il-Kunsill qabel li jkollu programm tal-lezzjonijiet u l-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni, Carmen Borg taghmel kuntatt maghha sabiex flimkien jiddiskutu dawn il-lezzjonijiet.

**Christabelle Scerri - Vocal Training**

## 7 Skeda ta' Hlasijiet

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg staqsa dwar l-ispejjez involuti, li ghalihom ghamel tajjeb il-Kunsill fl-attivita' Car Show li giet organizzata mill-Ghaqda Muzikali San Gejtanu. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kunsill kien approva li jhallas ghas-servizz ta' Gwardjani Lokali, liema rati ghal dan is-servizz inbidlu mill-Kumpanija LESA.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li l-Kunsill jaghmel capping jew budget ghall-ghajnuna lill-ghaqdiet.

Il-Kunsill approva din l-iskeda ta' Ħlasijiet.

## 8 Hwejjeg Ohra

8.1 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li z-zghazagh tal-Azzjoni Kattolika bdew it-tindif tal-Lega u hemm hafna hmieg.

8.2 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri gibed l-attenzjoni li din hija t-tielet sena li s-Shadow Minister ghall-Gvern Lokali, l-Onorevoli David Agius ma kienx mistieden ghall-attivitajiet ta' Jum il-Hamrun.

8.3 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri gibed l-attenzjoni li l-parking bays fi Triq il-Kbira San Guzepp, fl-area tal-Blata l-Bajda u fi Triq Turu Lentini, ma tkomplewx.

8.4 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li jehtieg li jsir tindif tal-hwat fi Triq San Gorg Preca ghaliex mimlija hmieg. Is-Segretarju Ezekuttiv hadet nota ta' dan l-ilment sabiex isir rapport lill-Kumpanija ELC.

8.5 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill hux responsabbli mit-tarag li hemm bejn il-blokki tal-flats maghrufa bhala tal-Isqof fi Triq Mountbatten. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li mill-informazzjoni li ghandha dan huwa responsabbilta tal-Kurja.

8.6 Il-Kunsill Efrem Buttigieg staqsa kienx hemm zvilupp dwar l-Appell tat-Tender tal-iskart. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ma kien hemm l-ebda zvilupp.

8.7 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg staqsa jekk kienx wasal iz-zmien li tinhareg tender gdida ghas-servizz ta' Knis fit-toroq. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li wasal iz-zmien li tinhareg tender gdida, liema tender ghandha tinhareg bis-sistema Elettronika.

8.8 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti staqsa ghaliex ghadha ma twahhlitx il-mera fi Triq Hal Qormi. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-haddiema marru fuq il-post biex iwahhlu l-mera izda minhabba problemi ta' logistika, din il-mera ma setghetx titwahhal.

8.9 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li qed isir parkegg abbuziv fuq gandott fi Triq Atocia, li qed issirlu hafna hsara. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se tibghat il-haddiema halli jaraw x'jista' jsir.

8.10 Il-Kunsillier Louise Portelli nfurmat li hemm bzonn li jsiru Yellow Lines quddiem il-garaxxijiet ta' Gabriel Flats fi Sqaq il-Kubrit.

8.11 Il-Kunsillier Louise Portelli nfurmat li t-telephone tal-Kunsill mhux jidher fuq id-direttorju tal-GO.

8.12

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello infurma lill-membri li qed ikun hafna problemi bl-iskips fi Triq is-Sewwieqa, fejn dawn qed jintuzaw b'mod abbuziv u qed jintrema numru sostanzjali ta' skart madwar l-istess skips. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Viċi Sindku ssuggerixxa li dawn l-iskips jinstabilhom post li jintlahqu mir-residenti BISS u jekk jitqassmu ahjar, ir-residenti jkunu moqdija hafna ahjar. Il-Vici Sindku ppropona wkoll li tizdied skip qrib Metropolitan Flats fi Triq Dun Frans Camilleri.

## 9 Aggornament

9.1 Il-laqgħa ntemmet fid-21.40p.m. u ġiet aġġornata ghat-Tlieta 5 ta' Lulju 2016 fis-6.00p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| _________________________ | ______________________ |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: ***Approvati waqt Seduta Nru 23 li nżammet it-Tlieta 5 ta' Lulju 2016***